# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Lulju 2023**

**Kawża Nru: 3908/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Mallia)**

**vs**

**Alan Spiteri (K.I. 502401L)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat u ċioé:

*talli kmieni filghodu tal-11 ta' Gunju 2023 bejn 00:01hrs u 03:30hrs f' Triq Sciortino, Żebbuġ u postijiet oħra ġewwa il-gżejjer Malta,*

1. *Talli ingurja jew hedded, jew ghamilt offiza fuq il-persuna ta' Spettur James Mallia, Pc245 Mark Anthony Cutajar, Pc1410 Shaun*

*Debono, Pc85 Silvio Briffa, Pc409 Joseph Zarb persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi waqt l-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.*

*Art. 95 Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. *Talli attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku u ċioe` l-iSpettur James Mallia, Pc245 Mark Anthony Cutajar, Pc1410 Shaun Debono, Pc85 Silvio Briffa, Pc409 Joseph Zarb filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti.*

   *Art. 96 (a) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. *Talli ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità tal-pulizija jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallejtux jew fixkiltu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indhalt fi dmiru, billi ma ħallejtux jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġibt fix-xejn jew ħassart dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi ohra.*

   *Art. 338 (ee) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

4. *Kif ukoll nakkuzak talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra cioe' Pc254 Mark Anthony Cutajar, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna. L-offiża fuq il-persuna hija ta natura ħafifa hekk kif iccertifikata min Dr.Tochlikwu Madu MD6520*
   *Art 214, Art 215, Art 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

5. *Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min għad illi jkun xurban, igħid fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew jagħmel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika*
   *Art. 338 (bb) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

6. *Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, jinsab fis-sakra b'mod li ma jkunx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu*
   *Art. 338 (ff) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

7. *Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min jirrifjuta jagħti, jew jagħti falz, lil uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikularitajiet oħra.*
   *Art. 338 (g) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

8. *Ukoll talli Naqas milli jhares l-ordni impostata fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Claire Zammit Stafrace LL.D. fid-digriet moghti nhar it-25 ta' Mejju 2022, u digriet/i sussegwenti, li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija, Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favuril-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat u dan bi ksur tal-artikolu Art 579 (2) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.* (Din l-aħħar imputazzjoni ġiet korretta kif sejjer jiġi spjegat aktar l'isfel).

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023, il-Prosekuzzjoni talbet u ngħatat il-fakultà li tikkoreġi l-aħħar imputazzjoni, fis-sens li din għandha titratta ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni[1].

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023[2], fejn l-imputat għażel li jammetti l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

Rat li l-istess imputat reġa ammetta l-istess imputazzjonijiet wara li ngħata żmien xieraq sabiex jerġa jikkonsulta mal-avukat difensur tiegħu[3].

---

[1] Ara imputazzjoni kif miktuba *a tergo* ta' fol 1 tal-proċess.
[2] Verbal relattiv jibda a fol 2 *et seq* tal-proċess.
[3] B'hekk ġie segwit dak li jrid l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **The Police (Insp. Jonathan Ransley) vs Jianlin Shen**, (App Nru: 44/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-10 ta' Ġunju 2022.

Rat id-dokumenti eżebiti mill-prosekuzzjoni[4].

Semgħet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiża fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta[5].

Rat l-atti proċesswali kollha u rat li din il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat**

1) **Fatti u ammissjoni**

Illi l-fatti li jemerġu mill-atti proċesswali ta' dan il-każ jirriżultaw mid-dokumentazzjoni eżebita mill-prosekuzzjoni u għalhekk ma hemm l-ebda ħtieġa ta' rijeplikou dettaljat dwar l-istess.

Illi fi ftit kliem, l-imputat huwa hawn mixli bil-fatt li kmieni fil-għodu tal-11 ta' Ġunju 2023 huwa kien ġie mitkellem mill-Pulizija sabiex jersaq il-bogħod min-nar tal-art li kien qiegħed jinħaraq waqt festa. L-imputat ma ridtx jobdi l-ordnijiet tagħhom (li ngħataw għall-protezzjoni tiegħu stess, wara li xi membri tal-pubbliku ukoll kienu qalulu biex jersaq) u meta ppruvaw jressquħ minn ħdejn in-nar huwa beda jirreżisti. Ġie arrestat u ġie trasportat l-Għassa. Hemmhekk, waqt li ngħatatlu kura medika minħabba episodju (beda joħroġ likwidu minn ħalqu u bdew jinqalbu għajnejh) li kellu, l-imputat ta' daqqa ta' sieq fl-irkoppa lill-Ispettur, u prova jigdem lil PC 254. Huwa wkoll beżaq fuq l-istess Pulizija.

[4] Dokumenti jinsabu a fol 5 *et seq* tal-proċess.
[5] Liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta u tibda a fol 14 tal-proċess.

Illi l-imputat għażel li jammetti l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, liema ammissjoni reġgħet ġiet minnu kkonfermata wara li ngħata żmien utli sabiex jerġa jirrikonsidra l-pożizzjoni tiegħu. Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat, filwaqt li jgħid li ma tantx jiftakar egħmilu, jgħid li huwa dispjaċut ta' dak li għamel.

Illi madanakollu, din il-Qorti ma tistax, lil'hinn mill-ammissjoni tal-imputat[6], issib ħtija fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, u ċioé dik kontemplata fl-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għalliex din tidħol fix-xena biss jekk id-disubiddjenza jew indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew xi liġi oħra. Billi l-imputat huwa ħati ta' ksur tal-artikolu 95 u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress li hemm l-assorbiment tar-reat minuri (f'dan il-każ kontravvenzjonali), din il-Qorti qiegħda tastjeni milli tqis aktar it-tielet imputazzjoni.

Illi wkoll din il-Qorti ma tistax issib ħtija fir-rigward tat-tmien u l-aħħar imputazzjoni kif ikkorreġuta u dan peress li ma tressqet l-ebda prova tal-Ordni ta' Protezzjoni hemm indikata. Fid-dawl ta' dan il-Qorti hija kostretta u qiegħda tillibera lill-imputat minn din l-aħħar imputazzjoni.

Illi b'hekk din il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4), il-ħames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni.

[6]Dwar l-effetti tal-ammissjoni fil-kamp penali, wieħed huwa mistieden jara dak awtorevolment deċiż fis-sentenza ċelebri fl-**ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain**, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 1962. B'żieda ma dik is-sentenza klassika, wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon,** (App Nru: 385/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) mogħtija nhar id-19 ta' Novembru 2015 u dik fl-ismijiet I**l-Pulizija vs Godfrey Formosa,** (App Nru: 99/2017) mogħtija wkoll mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Ottubru 2017.

## 2) Piena

Illi ma hemmx dubju li l-imputat wettaq offiżi li għandhom jitqiesu u jiġu deskritti biss bħala ta' natura gravi. Din il-Qorti tkun qiegħda tonqos allura jekk il-piena ma tkunx waħda li tirrifletti din il-gravita. Ma jridx jintesa li f'dan l-episodju, l-imputat kien aggressiv fil-konfront ta' ħames membri tal-Korp tal-Pulizija waqt li dawn kienu sempliċiment qegħdin jaqdu l-obbligi tagħhom.

Illi l-imputat hawnhekk huwa akkużat kemm bi ksur tal-artikolu 95 u wkoll l-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li għal din il-Qorti, jistgħu, għalkemm għandhom naturalment elementi differenti[7], f'ċirkostanzi bħal dawn, jitqiegħdu flimkien. Inizjalment, l-imputat irreżista l-arrest tiegħu, u sussegwentement, bi vjolenza, ħebb għal-istess Pulizija waqt l-eżekuzzjoni.

Illi jgħodd hawn dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ivan (John) Felice,** (App Nru: 39/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-4 ta' Ġunju 2022 u ċioé:

> *Din il-Qorti, ghall-anqas kif presjeduta, dejjem irriteniet li rreat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali huwa wiehed serju hafna. Minn ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti – bhalma normalment jaghmlu l-pulizja fil-kors normali tad-doveri taghhom – ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi, u tali protezzjoni tigi billi,*

[7] Dwar dan, il-Qorti tirreferi għal-istudju li sar fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Generoso Sammut,** (App Nru: 452/2003) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 2023.

*wara li dak li jkun jinstab hati ta' dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita` mill-ligi li hija l-piena ta' prigunerija.*

Illi din il-Qorti wkoll tabbraċċja dan l-insenjament u tagħmlu tagħha.

Illi apparti minn hekk, l-imputat wasal ukoll sabiex wettaq ħsara fil-ġisem ta' PC 254. Ħarsa lejn iċ-ċertifikat mediku eżebit[8], jagħti stampa kerha ta' dak li seħħ. Dawn ir-reati wkoll jġibu piena ta' priġunerija[9].

Illi finalment mbagħad, għal dak li jikkonċerna l-fatt li jidher li l-imputat kien xurban waqt dan l-episodju ikrah, naturalment din il-Qorti ma tistax tqis dan bħala xi skużanti. Wara kollox, ma tridx tintesa l-massima *qui peccat ebrius, luat sobrius*[10].

Illi mill-aspett ta' mitigazzjoni mbagħad, din il-Qorti qiegħda tieħu in kunsiderazzjoni dak li qal l-imputat waqt l-istqarrija tiegħu, u ċioé li huwa wera dispjaċir għall-egħmil tiegħu, u l-fatt li huwa ammetta mal-ewwel okkażjoni. Dan ma jfissirx però, li l-piena m'għandhiex tkun waħda karċerarja, iżda għanda tkun waħda lejn il-minimu tagħha.

---

[8] Dok JM5, a fol 10 tal-proċess.

[9] Il-Qorti tqis li għandha hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi,** (App Nru: 193/2003) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-30 ta' Lulju 2004 u ċioé: *"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika."*

[10] "Chi peccat ubriaco, sconti sobrio" - Brocard 4027, **Dizionario Dei Termini Giuridici e Dei Brocardi Latini**, Edoardo Mori, VII ediz, 2011, a fol 381.

Illi tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti, anke bl-applikazzjoni tas-subartikoli rilevanti tal-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tqis lill-piena f'dan il-każ għandha tkun dik ta' seba' (7) xhur priġunerija effettiva flimkien ma multa ta' erbat elef u ħames mitt Ewro (€4,500).

**3) Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96(a), 214, 215, 221, 338(bb), 338(ff), u 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li qiegħda tastjeni milli tqis it-tielet (3) imputazzjoni u tillibera lill-imputat mit-tmien (8) imputazzjoni, issib l-imputat ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4), il-ħames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement tikkundannah għal piena ta' seba' (7) xhur priġunerija effettiva, li minnu għandu jitnaqqas il-perjodu li l-ħati għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-proċediment, kif ukoll għal multa ta' erbat elef u ħames mitt Ewro (€4,500) li għandha titħallas b'mod immedjat. Fin-nuqqas li l-multa titħallas puntwalment, din għandha tiġi konvertita fi priġunerija skond il-liġi.

Il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba għal-ispejjeż tal-espert a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li ma jirriżultax li tqabbdu xi esperti f'dan il-każ.

Il-Qorti finalment tordna, fi kliem l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[11], li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol mil-lum, l-Avukat Ġenerali

[11] Reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur